**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**SKOLA MEDJA RABAT**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
**Frar 2017**

Marka

**Is-Seba'/It-Tmien Sena** | **MALTI għall-Barranin** | **Ħin: 8 minuti**

**Isem:** ________________________ **Klassi:** _________ **Numru tar-reġistru:** ______

## Aqra din is-silta.

# Ħarġa ma' tal-iskola

Kien it-Tlieta fit-tielet ġimgħa ta' Jannar. Ħarġet ġurnata sabiħa. Ma kienx ħafna bard lanqas. Kien il-jum li konna ilna nistennew għax dakinhar konna se noħorġu ma' tal-iskola. L-għalliema kienet se toħodna nduru xi postijiet importanti f'Malta.

Fil-klassi konna mmarkajna mappa tal-Gżejjer Maltin. Fuqha mmarkajna l-lokalità fejn noqgħodu. Immarkajna wkoll il-belt kapitali ta' Malta – il-Belt Valletta, il-belt il-qadima – l-Imdina, u Wied iż-Żurrieq. Ktibna ftit sentenzi fuq kull post li mmarkajna fuq il-mappa.

Fil-ħarġa bdejna billi żorna l-Imdina għax dik qrib tal-iskola. Morna bil-mixi. Aħna u mexjin qagħdna attenti mit-traffiku u mxejna l-ħin kollu fuq il-bankina. Iżda fl-Imdina ma sibniex karozzi u allura konna iktar liberi. Morna l-Katidral u mxejna madwar it-toroq tal-Belt Siekta.

Malli ħriġna mill-Imdina waqafna nieklu l-kolazzjon fil-ġnien. Imbagħad qbadna l-karozza tal-linja biex imorru l-Belt Valletta. Ħallasna b'*tallinja card*. Ħadna gost naraw it-toroq sal-Belt. Stajna naraw fejn joqgħodu xi ftit minn sħabna.

Fil-Belt Valletta, dorna ma' xi ftit toroq. Waqafna nħarsu lejn il-binja tal-Parlament, il-Kon-Katidral ta' San Ġwann u l-Palazz tal-President. L-għalliema bdiet tispjegalna dwar dawn il-postijiet. Waqafna fi Pjazza San Ġorġ u hemm kellna npinġu dak li rajna u niktbu xi ħaġa żgħira.

Malajr sar il-ħin biex nerġgħu naqbdu l-karozza tal-linja lejn l-iskola. Ħadna gost ħafna u tgħallimna ħafna wkoll.

## **Tkellem dwar l-istampa għal madwar minuta.**



## **Agħżel wieħed mis-suġġetti u tkellem dwaru għal madwar minuta.**

1. L-istaġun li nħobb l-aktar
2. Il-ħbieb tiegħi
3. Fid-dar tagħna